MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 92/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Isabelle Cilia**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Frar 2010. Permezz ta' citazzjoni mahruga fit-12 ta' Frar 2010, Isabelle Cilia (bint Anthony Aquilina u Emily nee Buhagiar, imwielda fid-29 ta' April 1963, detentrici tal-karta tal-identita` nru 261163M) giet akkuzata illi fit-30 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tal-4.00 pm, meta kienet hekk ordnata mill-qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Robert Cilia ghall-ulied komuni taghhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.
**2.** Bis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, cioe` tat-22 ta' Frar 2010, l-imsemmija Isabelle Cilia nstabet hatja skond

l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u giet ikkundannata gimgha detenzjoni.

**3.** Hija appellat b'rikors prezentat fit-3 ta' Marzu 2010. Hija ressqet tliet aggravji. L-ewwel aggravju hu li hija ma setghet qatt tinstab hatja kif effettivament instabet peress li, skond hija, "kien hemm raguni valida fil-ligi biex l-access tat-tfal versu l-missier ma setghax jigi ezercitat." Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tissofferma ruhha fuq dan l-aggravju. Mill-provi jirrizulta li bejn l-appellanti u zewgha – li huma separati permezz ta' kuntratt – hemm tensjoni kbira, frott ta' incidenti li sehhew bejniethom kemm qabel ma sseparaw kif ukoll wara. Kif gustament osservat is-*social worker* Daniela Darmanin fid-deposizzjoni taghha tal-bierah[1], it-tensjoni tal-omm (u, din il-Qorti zzid, possibilment anke dik tal-missier) qed ikollha effett negattiv u trawmatiku fuq it-tfal – zewg subien li llum wiehed ghandu qrib is-sittax-il sena u l-iehor kwazi hdax-il sena – b'mod li qed jirrifjutaw li jkollhom kuntatt ma' missierhom. B'rizultat ta' dan, ghalkemm l-omm tehodhom fil-post stabbilit, cioe` quddiem l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, l-access kien spicca jikkonsisti fi skambju ta' ftit kliem (xi mindaqqiet anke kliem mhux kumplimentuz da parti tat-tfal versu missierhom), u bit-tfal jirrifjutaw li jmorru ma' missierhom.

**4.** Fid-data msemmija fl-imputazzjoni, xi tliet sieghat qabel ma l-appellanti kellha tiehu t-tfal quddiem l-imsemmija Ghassa, hija baghtet *sms* li zewgha tinfurmah li dak inhar hija ma setghetx tehodhomlu. Fl-imsemmi *sms* hija ma elaboratx ghala ma setghetx taghmel hekk. Hija fil-fatt ma tfaccatx, u naturalment anqas it-tfal. Robert Cilia mar ghamel rapport fil-Ghassa tal-Pulizija.

**5.** Issa, ghalkemm wiehed jista' jghid li l-appellanti "moralment", u anke b'nuqqas ta' minimu ta' kortesija, naqset meta ma tatx xi raguni ghala hija ma setghetx tiehu t-tfal quddiem l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, <u>legalment</u> jidher li hija kellha raguni valida ghala ma ghamlitx hekk, cioe` ghala ma haditx it-tfal fil-post prestabbilit. Din il-Qorti, in fatti, hija sodisfatta, mill-

[1] Dana l-appell beda jinstema' fl-14 ta' Mejju 2010, izda din il-Qorti, fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2010, iddifferiet l-appell fit-tul proprju biex ikun hemm il-possibilita` ta' intervent da parti tal-ufficjali tal-Agenzija Appogg bil-ghan biex jghinu biex terga' tinbet xi forma ta' relazzjoni bejn it-tfal tal-koppja Cilia u missierhom.

kumpless tal-provi, li dik il-gurnata (anzi minn jumejn qabel) hija kienet qed tbati minn infezjoni qawwija f'ghajnejha, u kienet giet moghtija parir biex ma tohrogx biex ma tesponix ghajnenha ghar-rih u ghat-trabijiet. F'dawn ic-cirkustanzi wiehed ma jistax hlief jikkonkludi li kien hemm "raguni xierqa" – biex wiehed juza l-lokuzzjoni adoperata mill-legislatur fil-paragrafu (*ii*) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9 – ghala l-appellanti ma hargitx biex tiehu t-tfal ghall-access.

**6.** Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fiz-zewg aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti, galadarba ser tilqa' l-appell a bazi ta' l-ewwel aggravju.

**7.** Ghall-motivi premessi, **tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena.** Din il-Qorti, pero`, tfakkar kemm lill-appellanti kif ukoll lil zewgha, fid-dikjarazzjoni minnhom maghmula u registrata fil-verbal tal-udjenza tal-bierah, u cioe` li huma kienu qed jimpenjaw ruhhom li jkomplu jattendu ghas-sessjonijiet ta' terapija, imsemmija mix-xhud Daniela Darmanin, bil-ghan li kemm jista' jkun ma jkunx hemm ostakoli psikologici bejn iz-zewgt itfal u missierhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------